MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 22/2004

Paschalino Cefai

vs

Joseph Portelli

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex, prevja d-dikjarazzjoni li inti Joseph Portelli nhar is-16 ta' Marzu, 2004 fi Triq Għajn Mellel, fiż-Żebbuġ, Għawdex soqt il-vettura tiegħek tal-marka Fort Escort u bin-numru tar-reġistrazzjoni FBG 872 għal fuq iż-żiemel tal-attur u per konsegwenza tal-grieħi li ġarrab iż-żiemel kellu jiġi maqtul u oltre' dan ikkaġunajt ukoll ħsarat fis-serkin tal-istess żiemel;

Għalhekk inti għandek tiġi kundannat tħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u mitejn u ħamsin lira Maltin

(LM4250) rappreżentanti danni subiti mill-attur per konsegwenza ta' dan l-inċident.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali, bl-imgħaxijiet skond il-Liġi u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

(1) Illi huwa bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabbli għal inċident mertu tal-avviż, liema inċident ġara tort u ħtija tal-istess attur, Paschalino Cefai, kif faċilment jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-istess kawża:

(2) Illi fuq l-istess mertu, dana Paschalino Cefai għaddej proċeduri kriminali u oltre dana l-konvenut odjern diġa' istitwixxa avviż kontrih quddiem it-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar sabiex l-attur odjern jiġi kkundannat li jħallsu d-danni mill-konvenut odjern subiti f'dan l-inċident hawn fuq imsemmi, liema inċident ġara tort u ħtija tal-istess attur li volontarjament u bil-ħsieb li jikkaġuna ħsara lill-attur u l-vettura tiegħu (FBG 872) dawwar u naffar iż-żiemel li huwa kien qigħed isuq għal fuq il-vettura tal-konvenut u kkaġunalu diversi ħsarat fiha.

(3) Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-provi miġbura fil-kawża: "Pulizija vs Paschalino Cefai" miġbura mill-Qorti ta' Għawdex bħala Qorti Istruttorja u Ġudikatura Kriminali,[1] li kienet tittratta l-istess mertu ta' din il-kawża, liema provi ġew allegati mal-kawża preżenti permezz tad-digriet tagħha tal-5 ta' Mejju 2005.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża tittratta inċident stradali li seħħ fi Triq Għajn Melel, iż-Żebbuġ, Għawdex, nhar is-16 ta' Marzu 2004 waqt li l-attur kien għaddej riekeb serkin miġbud minn żiemel, proprjeta' tiegħu, u l-konvenut kien qed

[1] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2006 .

isegwih fl-istess direzzjoni jsuq van tat-tip Ford Escort. F'ħin minnhom kien hemm impatt li fih kemm iż-żiemel u s-serkin ta' l-attur, kif ukoll il-vettura tal-konvenut ġarrbu diversi danni, biż-żiemel jispiċċa li kellu jinqatel fuq struzzjonijiet tat-tabib veterinarju li eżaminah, minħabba l-feriti gravi li ġarrab.

L-attur jikkontendi illi dan l-inċident kien ikkawżat mill-konvenut li ntenzjonalment saq il-vettura tiegħu għal fuqu. Il-konvenut da parti tiegħu jattribwixxi kull ma' ġara lill-attur innifsu, u skond il-verżjoni tiegħu l-attur x'ħin induna bih dawwar iż-żiemel għal fuqu u naffru għalih, bil-konsegwenza li dan spiċċa fuq il-*bonnet* tal-vettura tiegħu.

Ma tressqu ebda provi ulterjuri f'din il-kawża, u ż-żewġ naħat straħu fuq l-evidenza li kienet ġiet prodotta fil-kawża kriminali fuq imsemmija. Minn dak li jirriżulta minn dawn il-provi, huwa evidenti li għal xi raġuni mhix magħrufa, kien hemm ċerta animożita' bejn il-kontendenti, li wasslet għal diversi inċidenti bejniethom. Dik in kwistjoni jidher li kienet waħda minnhom.

F'din il-kawża għandna żewġ verżjonijiet totalment differenti u inkompatibbli ta' kif seta' seħħ dan l-inċident. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li, wara li teżamina l-provi prodotti, tiddeċidi liema minn dawn il-verżjonijiet tista' tkun l-iżjed waħda verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Kif ġia ntqal, l-attur qed isostni li Portelli baqa' dieħel minn wara fuq is-serkin tiegħu, qaleb lilu minn fuqu, u s-serkin spiċċa fuq il-vettura tal-konvenut, biż-żiemel b'kollox. Għall-kuntrarju, l-konvenut jikkontendi li hekk kif l-attur induna li huwa kien qed isuq warajh, waqaf, dawwar iż-żiemel bis-serkin fid-direzzjoni tal-vettura tiegħu, naffar deliberament liż-żiemel bir-riedni, b'mod li dan tela' fuq il-*bonnet* tal-vettura tiegħu, faqa' l-*windscreen*, u mbagħad sfratta u telaq' jiġri bla kontroll.

Minn dak li ħareġ mill-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija in segwitu għal dan l-inċident, jirriżulta li n-natura u l-pożizzjoni tal-ħsarat li kien hemm fil-vettura tal-konvenut, filwaqt li  huma nkompatibbli mal-verzjoni

mogħtija mill-attur, huma spjegabbli sew ma' dak li qal il-konvenut. Apparti l-evidenza tax-xagħar taż-żiemel li ntsab imwaħħal mal-ħġieġ tal-*windscreen* u f'partijiet oħra tal-vettura tal-konvenut, prova li ż-żiemel tassew tela' fuq il-*bonnet* tal-karozza, u n-nuqqas ta' traċċi ta' żebgħa ħamra tas-serkin fuq l-istess vettura, huwa ferm diffiċċli wieħed jifhem kif, skond il-verżjoni ta' l-attur, Portelli baqa' dieħel bis-saħħa mhux biss fuq is-serkin minn wara, imma wkoll jolqot iż-żiemel b'tali mod li anke dan jispiċċa fuq il-karozza, u l-attur riekeb fuq is-serkin ma jiġrilu xejn.

Minn naħa l-oħra il-ħsarat kemm fl-istess serkin, kif ukoll il-ġriehi li sofra ż-żiemel ta' l-attur, li eventwalment kellu jispiċċa jinqatel, huma kompatibbli ma' sitwazzjoni fejn, wara li l-istess żiemel iddawwar biex ikun jista' jiffaċċja l-vettura tal-konvenut u jitla' fuqha, dan sfratta u baqa' sejjer jiġri bla kontroll, tant li għamel xi ħsarat ukoll f'diversi vetturi oħra li nzertaw fit-triq.

Huwa evidenti għalhekk illi dan l-inċident kien ikkawżat mill-attur innifsu, u li l-konvenut ma kkontribwixxa bl-ebda mod għal dak li ġara.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------